MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 103/1998/1

**Belmont Company Limited**

**v.**

**Teddy Ellis**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` attrici minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fit-30 ta’ Mejju 2008 li ddisponiet mill-kawza billi cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut; cahdet ukoll l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta` attrici; laqghet l-ahhar talba tal-istess

socjeta` attrici, u kkundannat lill-konvenut ihallas komplessivament lis-socjeta` attrici s-somma ta’ €214, bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni tas-socjeta’ attrici li tghid:

“Illi hija qabdet lill-konvenut sabiex ipoggi tapit fil-lukanda proprjeta’ taghha “Grand Hotel”, Mgarr Road, Ghajnsielem;

“Illi dan ix-xoghol kellu jsir bir-rata ta’ tmien liri (Lm8) il-metru kwadru oltre it-taxxa fuq il-valur mizjud VAT;

“Illi ghal dan ix-xoghol is-socjeta’ attrici halset lill-konvenut is-somma ta’ seba telef hamsa u disghin lira maltija u hamsin centezmu (Lm7095.50) izda meta x-xoghol tkejjel dettaljatament mill-‘interior designer’, Marcus Bonello, irrizulta illi l-ammont realment dovut kellu jkun biss dak ta’ erba telef tlett mija u tnejn u sittin lira maltija u dsatax il-centezmu (Lm4362.19);

“Illi ghaldaqstant is-socjeta’ attrici halset lill-konvenut is-somma ta’ elfejn seba’ mija u tnejn u tletin lira maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm2732.81) indebitament;

“Illi inoltre s-socjeta’ attrici ghad fadlilha tithallas minghand il-konvenut is-somma ta’ erba’ u tletin lira maltin u sittin centezmu (Lm34.60) ghall-servizz li utilizza ruhu minnu il-konvenut minghajr ma hallas tieghu;

“Illi s-socjeta’ attrici trid tirepeti l-ammont indebitament imhallas minnha lill-konvenut u tithallas tas-servizz provdut minnha lilu kif fuq inghad;

“Talbet ghalhekk ghaliex din il-Qorti, prevja okkorrendo l-opera ta’ perit nominand, m’ghandhiex:

“1. tiddikjara illi s-socjeta’ attrici halset indebitament is-somma ta’ elfejn seba’ mija u tnejn u tletin lira maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm2732.81) kif fuq spiegat;

“2. tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-istess socjeta’ attrici din is-somma hekk imhalsa indebitament bl-interessi legali fuq din l-istess somma mid-data ta’ meta din thalset mis-socjeta’ attrici sad-data tal-effettiva restituzzjoni;

“3. tikkundanna wkoll lill-istess socjeta’ attrici thallas s-somma ta’ erba’ u tletin lira maltin u sittin centezmu (Lm34.60) ghall-servizz illi utilizza ruhu minnu l-konvenut minghajr ma hallas tieghu;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Marzu 1998 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment; bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti annessa l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

“1. illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici;

“2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-proceduri gudizzjarji kif intavolati mis-socjeta’ attrici m’humiex integri;

“3. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-prezz imhallas mis-socjeta attrici jirrifletti l-prezz reali tax-xoghlijiet li saru u tal-materjal fornut kif kien mifthem ma’ l-istess socjeta’ attrici;

“4. salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda.

“Rat il-verbal folio 39 li fih gie nominat l-AIC Emanuel Vella sabiex jaghmel l-kejl opportun;

“Rat folio 55 et seq ir-relazzjoni tal-perit nominat debitament mahlufa;

“Ezaminat ix-xhieda;

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta’ attrici;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

“Ikkonsidrat:

“Permezz tac-citazzjoni esperita s-socjeta’ attrici qeghdha titlob ir-rifuzjoni ta’ Lm2732.81 li tallega halset indebitament lill-konvenut bhala import ta’ xoghol ta’ appalt li kien jikkonsisti fil-provista u tqeghid ta’ tapiti fil-lukanda ‘Grand Hotel’ f’Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex. Ma jidhirx li hemm kontestazzjonijiet ohra ghajr ghall-ammont li s-socjeta’ attrici tippretendi li halset zejjed ghaliex mill-bqija jidher li l-appalt moghti lill-konvenut gie esegwit a sodisfazzjon komplet tas-socjeta’ attrici. Il-kwistjoni hija wahda marbuta mal-kejl u xejn izjed u f’dan il-kuntest il-pretiza tas-socjeta’ attrici hi li l-hlas kellhu jirrispekkja l-kejl effettiv tat-tapit li tpogga fid-diversi livelli tal-lukanda.

“Jirrisulta, wkoll mhux kontestat, li l-bazi tal-appalt kienet skrittura tat-23 ta’ Dicembru 1996 li kopja taghha mhux iffirmata tinsab folio 4 tal-process. Hija fuq il-bazi ta’ din l-iskrittura u l-interpretazzjoni taghha li jistrieh l-ezitu tal-kawza. Ghab-bazi tal-iskrittura, apparti l-kwalita’ tax-xoghol li kellu jkun ta’ livell gholi hafna, l-ftheim kien jikkontempla kejl ta’ circa 700 metru kwadru ta’ tapit kulurit skond kampjun li kien approvat mis-socjeta’ attrici bil-prezz ta’ Lm8 il-metru kwadru.

"Issa fil-waqt li jirrisulta li l-kejl totali u effettiv li tpogga fid-diversi sulari kien ta' 479.92 metru kwadru, kif iccertifikat mill-Perit Arkitett nominat appositament minn dina l-Qorti, s-socjeta' attrici tippretendi li l-ammont li kienet intitolata thallas kien ta' Lm3839.36, eskluz VAT ta' Lm691.08, ghall-total ta' Lm4530.44. Huwa f'dan il-kuntest li s-socjeta' attrici targumenta li konsegwentement halset l-ammont ta' Lm2565 (u mhux Lm2732.81) indebitament – (Lm7095.50 VAT inkluz, nieqes, Lm4530.44, li wkoll jinkludi l-VAT).

"Ikkonsidrat:

"Illi l-konvenut jikkontendi illi l-kejl, minhabba in-natura tax-xoghol u s-sura tat-tapit li kien wiehed iddisinjat, kellu jittiehed u jikkomprendi fih mhux biss dak li effettivament twahhal izda anka l-bicciet li necessarjament inhlew fit-tqeghid, u, minn din l-ottika din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu ragun ghaliex l-iskrittura kienet hi stess tikontempla kejl ta' 700m.k circa. Veru illi hemm differenza ta' xi tlett mitt metru kwadru bejn dak li l-konvenut jistqarr li uza bix-xtur u l-hela b'kollox (b'referenza ghall-fattura folio 42) meta imqabbel mal-kejl tat-tapit li effettivament tpogga skond ir-relazzjoni tal-perit nominat, izda, dejjem fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-avarija (f'percentwali ta' circa 40%), konsidrat l-estensjoni tax-xoghol fuq sitt sulari ta' kurituri ta' lukanda u t-tip tat-tapit, mhiex inverosimili li nhela. Fuq kollox hekk kien ikkalkolat u mifthem il-kejl approssimattiv bejn il-partijiet.

"Illi dan apparti din il-Qorti tara li l-ftheim ma kienx wiehed ibbazat fuq il-kejl u lanqas ma kien wiehed ibbazat fuq somma stabbilita u pre-determinata. Kien invece ftheim li kien jikkontempla 700m.k circa ta' tapit disinjat bi prezz ta' Lm8 il-metru kwadru eskluz VAT. Issa l-fatt li skond il-fattura, folio 42, intuzaw 765m.k ticcentra fil-percentwali ammessa fil-kelma 'cirka'.

"Inghad dan, pero', din il-Qorti tara mhux gustifikat l-ammont ta' Lm50 li fil-fattura imsemmija hija indikata bhala 'cotton carpet' li fil-fehma taghha ghandha u kellha

tigi kkunsidrata fil-kejl totali u mehuda bhala parti integra tal-appalt.
“Illi mill-bqija l-ammont ta’ Lm34.60 mitluba bit-tielet talba tac-citazzjoni hija dovuta kif ammess mill-konvenut li wkoll, kif sottomess ben tajjeb fin-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici, m’ghandux ragun fl-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu.

“Illi ghalhekk l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lura lis-socjeta’ attrici huwa ta’ Lm34.60 (kif inghad fil-paragrafu precedenti) u Lm57.50 inkluz l-VAT, igifieri l-ammont komplessiv ta’ Lm92 cjoe’ 214 euros.

“Ghaldaqstant tiddecidi u tiddisponi mill-kawza billi:

- tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut;

- tichad wkoll l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta’ attrici;

- tilqa’ l-ahhar talba tal-istess socjeta’ attrici;

- tikkundanna lill-konvenut ihallas komplessivament lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ 214 euros kif fuq spiegat.

“L-ispejjez jibghu bla taxxa.”

**L-appell tas-socjeta` attrici**

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tat-30 ta’ Mejju 2008, u interponiet appell permezz ta’ rikors datat 19 ta’ Gunju 2008.

In succint l-aggravji huma s-segwenti:

1. Illi d-differenza ta’ 59.4 percentwali f’materjal zejjed bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista’ ticcentra fil-percentwali ammessa fil-kelma ‘cirka’ kif irriteniet l-ewwel Qorti.

2. Lanqas ma jista’ jigi argumentat li kien involut xi volum straordinarju ta’ hela fit-tapit ordnat, billi dan tpogga

"*in a pattern repeat manner*" u ma kien hemm involut ebda ammont kbir ta' hela.

3. Fl-ahjar ipotesi ghall-konvenut, id-differenza ma kellhiex teccedi 10%, u mhux 60% u dan billi kif xehed l-istess konvenut hu kien ghamel *contingency* ta' 10%.

4. L-appalt li nghata lill-konvenut kien jikkonsisti fi provvista u twahhil ta' tapit li kellu jitkejjel u jithallas bir-rata ta' Lm8-il metru kwadru, oltre l-VAT. Qatt ma gie miftiehem li l-konvenut kellu jithallas ghall-ammont ta' 700mk indipendentement mill-ammont attwalment uzat.

Ghalhekk is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, u fejn laqghet it-tielet talba attrici, tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet tal-attrici, u minflok tilqa' l-istess zewg talbiet fl-intier taghhom. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**Ir-risposta tal-konvenut**

Il-konvenut ma pprezenta ebda risposta bil-miktub. Fit-trattazzjoni orali ssottometta li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti. Hu jikkontendi li s-socjeta` attrici kienet taf bil-metragg u l-*losses* kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

**Fatti mertu tal-kawza**

Il-konvenut kien tqabbad mis-socjeta` attrici sabiex ipoggi tapit fil-lukanda proprjeta` taghha "Grand Hotel", Mgarr Road, Ghajnsielem. Dan ix-xoghol kellu jsir bir-rata ta' tmien liri (Lm8) il-metru kwadru oltre l-VAT. F'din il-kawza s-socjeta` attrici qed tghid li hi halset lill-konvenut is-somma ta' Lm2,732.81 indebitament u ghalhekk talbet ir-rifuzjoni ta' dan l-ammont.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-bazi tal-appalt in kwistjoni hija l-iskrittura tat-23 ta' Dicembru 1996 a fol. 4 fejn fil-parti rilevanti hemm miftiehem hekk:

Works agreement

*"The works consist of the supply and fitting of fitted carpet without any defects whatsoever, in the corridors of the Grand Hotel, in a pattern repeat manner of approx. 700 m2 of fitted carpet, as per sample provided and approved.*

*"The cost of the works as indicated in this agreement, is at a rate of Lm 8.00 per square metre. The total cost is estimated at Lm 5600.00 and also to include 15% VAT Lm 840.00.*

*"A 30% part payment and deposit of Lm 1932.00 inclusive of VAT will be paid to Contractor upon signature of this agreement. The remaining 70%, that is LM 4508.00 inclusive of VAT will be paid in 24 equal payments of LM 187.83 starting from the 31st March 1997 and ending on the 30th June 1999".*

Jidher ghalhekk li t-*total cost* gie stmat li kien ser ikun ta' Lm6,440 u anke gie miftiehem x'depozitu kellu jinghata u kif kellhom isiru l-pagamenti. Meta l-kont finali gie pprezentat mill-konvenut lis-socjeta` attrici dan gie jammonta ghal Lm7,095 li s-socjeta` attrici hallset. Is-socjeta` attrici imbaghad qabbdet lil Marcus Bonello biex jivverifika l-kejl tat-tapit u rrizulta li attwalment tpoggew 478.31 mk li jgibu l-prezz ta' Lm4,362.19. Ghalhekk is-socjeta` attrici talbet is-somma ta' Lm2,732.81 li skont hi thallsu zejda.

L-espert nominat mill-ewwel Qorti, li kejjel il-materjal li tpogga, kkonkluda li kien hemm 479.92 mk, li moltiplikati bit-Lm8-il mk igibu s-somma ta' Lm3,839.36 u wara li ghadd il-VAT bit-18% gab total ta' Lm4,530.44. L-espert xehed li hu kejjel il-materjal li gie uzat u mqieghed[1] u

[1] Fol 63.

skont hu hemm differenza ta’ Lm2,565.06 li s-socjeta` attrici hallset zejjed.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-ftehim ma kienx wiehed ibbazat fuq il-kejl u lanqas ma kien wiehed ibbazat fuq somma stabbilita u pre-determinata. Kien invece ftehim li kien jikkontempla 700m.k circa ta’ tapit disinjat bi prezz ta’ Lm8-il metru kwadru eskluz VAT.

Izda, ghalkemm l-ewwel Qorti accettat li l-kejl totali u effettiv ta’ materjal li tpogga fid-diversi sulari kien ta’ 479.92 kif ikkostata l-perit tekniku Guido Vella, hi pero` kkonkludiet b’dan il-mod:

“Illi l-konvenut jikkontendi illi l-kejl, minhabba in-natura tax-xoghol u s-sura tat-tapit li kien wiehed iddisinjat, kellu jittiehed u jikkomprendi fih mhux biss dak li effettivament twahhal izda anka l-bicciet li necessarjament inhlew fit-tqeghid, u, minn din l-ottika din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu ragun ghaliex l-iskrittura kienet hi stess tikkontempla kejl ta’ 700m.k circa.

“Veru illi hemm differenza ta’ xi tlett mitt metru kwadru bejn dak li l-konvenut jistqarr li uza bix-xtur u l-hela b’kollox (b’referenza ghall-fattura folio 42) meta imqabbel mal-kejl tat-tapit li effettivament tpogga skond ir-relazzjoni tal-perit nominat, izda, dejjem fil-fehma ta’ din il-Qorti, din l-avarija (f’percentwali ta’ circa 40%), konsidrat l-estensjoni tax-xoghol fuq sitt sulari ta’ kurituri ta’ lukanda u t-tip tat-tapit, mhiex inverosimili li nhela. Fuq kollox hekk kien ikkalkolat u mifthem il-kejl approssimattiv bejn il-partijiet”.

Is-socjeta` attrici ma qablitx mar-ragunament tal-ewwel Qorti u fl-ewwel aggravju taghha tghid li d-differenza ta’ 59.4 percentwali[2] ta’ materjal zejjed bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista’ ticcentra fil-percentwali ammessa fil-kelma ‘cirka’ kif irriteniet l-ewwel Qorti.

[2] Percentwali bejn il-fattura a fol 42 tal-konvenut ta’ 765 m.k. u 479.92 m.k imkejla. mill-perit G.Vella.

Illi minn ezami akkurat tal-*works agreement* jirrizulta li mkien f'dan l-*agreement* ma tnizzel li l-konvenut ghamel xi riserva specifika ghal hela ta' materjal minhabba xtur. Il-konvenut kien ilu jiehu appalti simili minn 1971, u dan anke barra minn Malta[3], u ghalhekk kien jaf li kien ser ikun hemm certa hela ta' materjal u kellu jipprovdi ghal dik l-eventwalita` fil-kuntratt li ffirma. Fil-fatt dan hu kkonfermat fix-xhieda li l-konvenut ta fit- 18 ta' Ottubru 2002 fejn spjega kif huwa jikkalkola l-metragg. Hu jghid:

"Nispjega ukoll illi l-metragg jittiehed billi titkejjel l-arja fejn irid jitwahhal dan it-tapit u <u>tiehu ghaxra fil-mija (10%) zejjed</u> biex jaghmel tajjeb ghall-hela kif spjegajt <u>minhabba d-disinn</u>." [4]

Jghid ukoll:

"Huwa minnu illi l-ghaxra fil-mija (10%) li jiena naghmel bhala *contingency* hu biex inkopri dwar il-hela fit-tixtir".[5]

Ghalhekk il-konvenut kien jaf li kien ser ikun hemm il-hela u li t-tapit kien bid-disinn u minhabba f'hekk ipprovvda ghal hela fil-prezz moghti ta' Lm8 per mk.

Effettivament qabel ma l-konvenut ordna t-tapit ghas-socjeta` attrici hu kien ikkalkola l-arja tas-sulari u kemm kellu bzonn metragg[6]. La darba l-metragg ittiehed qabel il-kuntratt u l-konvenut kien jaf li se jkun hemm il-hela, il-prezz moghti ta' Lm8 fil-kuntratt ghal metragg kien jinkludi wkoll l-10% . Kieku ma kienx hekk, zgur li l-konvenut kien isemmi dan il-fatt tal-*contingency* fil-ftehim. Skont dan il-ftehim u anke mix-xhieda tal-istess konvenut, il-prezz ta' Lm8 kull mk kellu jinkludi x-xoghol preparativ, tapit u twahhil tieghu[7].

Jirrizulta wkoll pero` li, wara x-xhieda tieghu, il-konvenut ipprezenta affidavit ulterjuri fil-11 ta' Lulju 2006 meta

---

[3] Ara xiehda a fol 35.
[4] Ara xiehda a fol 35.
[5] Ara xiehda a fol 37.
[6] Ara xiehda a fol 36.
[7] Ara xiehda a fol 35 u 37.

kienu gja` nghalqu l-provi, il-perit tekniku kien irrelata dwar il-kejl u l-prezz u l-kawza thalliet ghas-sentenza. F’dak l-istadju l-konvenut beda jiftakar affarijiet li ma kienx semma erba’ snin qabel (fl-2002) meta l-fatti u l-figuri kienu ghadhom aktar friski f’mohhu. Hu issa beda jghid li l-*contingency* kienet ta’ 25% u mhux 10% kif kien semma qabel u dan billi t-tapit kien fih id-disinn u li l-10% kienet tapplika biss fil-kaz fejn it-tapit ma kienx fih disinn. Dan pero` jmur kontra dak li l-konvenut kien xehed qabel u li din il-Qorti gja` rriportat fejn huwa qal li “tiehu ghaxra fil-mija (10%) zejjed biex jaghmel tajjeb ghall-hela kif spjegajt **minhabba d-disinn**”. Skont din ix-xhieda, moghtija a tempo vergine, din l-10% kienet ittiehdet in konsiderazzjoni u kienet tapplika fil-kaz fejn it-tapit kien fih id-disinn.

Din il-Qorti ghalhekk issib li din ix-xhieda moghtija mill-konvenut *in extremis* mhiex attendibbli u nghatat biss konvenjentement wara li l-konvenut gie rinfaccjat bil-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u mhux ghax verament ftakar dettalji li ma kienx semma qabel.

Ghalhekk dan l-aggravju tas-socjeta` attrici qed jigi milqugh.
Stante li gie deciz li l-prezz kien jinkludi l-10% ghall-*contingency*, din il-Qorti tista’ ma tinoltrax fuq l-aggravji l-ohra li hafna minnhom indirettament gew ezaminati fl-ewwel aggravju.

Din il-Qorti pero` zzid li hi m’hijiex konvinta bhal ma kienet l-ewwel Qorti li l-avarija f’percentwali ta’ circa 40% hela kienet verosimili billi din tipprezenta kwazi l-metragg ta’ tliet sulari shah ohra. Inoltre lanqas l-istess konvenut qatt ma semma 40% jew aktar. Din il-Qorti taqbel mas-socjeta` attrici fejn din issostni (ara tieni aggravju) li f’dan il-kaz ma kienx hemm involut xi volum straordinarju ta’ hela fil-tapit ordnat billi dan kellu jitpogga b’*pattern.*

Lanqas ma taqbel din il-Qorti (ara l-ahhar aggravju tas-socjeta` attrici) li l-konvenut kellu jithallas ghall-ammont ta’

700 mk (u anke oltre f'dan il-kaz[8]) indipendentement mill-ammont ta' materjal attwalment uzat. Il-mod kif gie formulat il-ftehim kien wiehed alkwantu stramb, billi, ghalkemm donnu gie miftiehem kemm il-metragg kif ukoll il-prezz, il-konvenut ma qaghadx ghal dan il-ftehim u qabel li x-xoghol jitkejjel, u l-ewwel Qorti donnu qablet mieghu ghax qalet li l-ftehim ma kienx wiehed ibbazat fuq kejl u lanqas ma kien wiehed ibbazat fuq somma stabbilita u pre-determinata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' l-appell tas-socjeta` attrici u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, u fejn laqghet it-tielet talba attrici, tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet tal-attrici, u minflok tilqa' l-istess zewg talbiet u tikkundanna lill-konvenut ihallas ukoll lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm2,565.06, illum €5,974.98. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Ara fol 42 - 765 m2